MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tat-8 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 493/2013

**Frans Gauci**

**Vs**

**Peter Paul Cutajar**

Permezz ta’ rikors guramentat prezentat fl-24 ta’ Mejju 2013 l-attur talab li l-konvenut jigi kkundannat sabiex fi zmien qasir u perentorju jaghmel ix-xoghol necessarju u jnehhi dixxijiet satellitari li jesporgu ghal fuq il-proprjeta tal-attur. Fin-nuqqas jigi awtorizzat inehhi l-apparat ghas-spejjez tal-konvenut. L-attur spjega li hu sid il-fond numru 6, Triq il-Profs Anton Tabone, Birzebbugia li ghandu hajt divizorju mal-fond numru 3, Marvic fl-istess triq u proprjeta tal-konvenut. Inoltre snin ilu l-konvenut kien wahhal

antennae tas-satelliti mal-hajt divizorju b'mod li gew jesporgu fuq l-arja tal-attur. Ghalkemm l-attur kien ilu jitlob li dawn jitnehhew minn posthom, il-konvenut naqas milli jaghmel hekk.

Il-konvenut wiegeb li jismu Peter Paul Cutajar u li l-apparat kien tnehha. Qal ukoll li:-

*"[….] huwa minnu li kien hemm skambju ta' korrispondenza bejn il-konsulenti legali tal-kontendenti partijiet, imam bid-dovut rispett dak premes ghandu jigi debitament kwalifikat. Jigi umilment rilevat li l-attur qatt ma avvicina lill-konvenut u qallu li tali apparat kien b'xi mod qieghed jinvadi l-proprjeta' tieghu. Inoltre, wara li ntbaghatet it-tieni ittra mill-konsulent legali tal-attur, datata 16 t'April 2013 (annessa u mmarkata bhala Dok. E mar-Rikors Promotur) permezz ta' liema l-konvenuta inghata gimgha zmien sabiex inehhi l-apparat tas-satelliti in kwistjoni, fil-25 t'April 2013 il-konvenut ircieva ittra legali ohra minghand il-konsulent legali tal-attur, li ghal kull bon fini qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala Dok. PPC1. Sorprendentement, f'din l-ittra m'hemm l-ebda terminu u hemm accenn li tali vertenza tista' tigi rizolta b'mod pacifiku. Wara din l-ittra legali, l-Avukat sottoskritt ghamel kuntatt bit-telefown mal-Avukat Mark Refalo fejn accertah li l-konvenut kien ser inehhi l-apparat in kwistjoni, kif fil-fatt ghamel. Minkejja din l-ittra legali tal-25 t'April 2013, pero', l-attur xorta wahda irrikorra ghal dawn il-proceduri – li facilment setghu jigu evitati wara l-imsemmija accertazzjoni."*.

Mill-atti jirrizulta li:-

i. F'ittra legali datata 8 ta' April 2013 l-attur sejjah lill-konvenut sabiex fi zmien gimghatejn inehhi l-apparat.

ii. Il-konvenut wiegeb b'ittra legali datata 9 ta' April 2013 fejn informa lill-attur li *"Rigward l-apparat tat-tlett (3) satellite l-ohra, li ilhom installati ghal aktar minn ghoxrin (20) sena u li meta l-klijent tieghek akkwsita l-proprjeta' in kwistjoni kienu diga' installati, mhux ser jinqalghu mill-klijent tieghi."*.

iii. F'ittra legali ohra datata 16 ta' April 2013 l-attur sejjah lill-konvenut biex inehhi l-apparat li jesporgi fl-arja tal-proprjeta tieghu.
iv. F'ittra legali datata 25 ta' April 2013 l-attur rega' nsista li l-apparat jitnehha. Fl-ittra jinghad li qeghda tintbaghat bi twegiba ghall-ittra tad-9 ta' April 2013.

Fis-seduta tal-lum l-attur irrinunzja ghat-talbiet fil-meritu peress li l-apparat tnehha wara li giet prezentata l-kawza. Fis-seduta tal-lum l-attur iddikjara li l-apparat tnehha disat (9) ijiem wara li giet intavolata l-kawza.

Il-konvenut qal li jismu Peter Paul Cutajar. Jigi rilevat li fl-ittra legali datata 9 ta' April 2013 u li ntbaghatet ghan-nom tieghu, jinghad li jismu Pierre Cutajar Paris. F'kull kaz il-qorti tordna korrezzjoni sabiex isem il-konvenut ikun jaqra Peter Paul Cutajar gialadarba hu stess ghamel din il-precizazzjoni.

Il-qorti tikkunsidra li:-

i. Mill-fatt li l-konvenut nehha l-apparat li kien jesporgi fuq l-arja tal-proprjeta' tal-attur, jidher li accetta li kien qieghed hemm b'tolleranza tal-attur. Dan minkejja li inizjalment kien irrifjuta li jnehhieh.
ii. Ghalkemm il-konvenut isostni li d-difensur tieghu kien gharraf lid-difensur tal-attur li l-apparat kien ser jitnehha, konferma ta' dan qatt ma nghatat bil-miktub.
iii. 'Il fatt li fl-ittra legali tal-25 ta' April 2013 ma jissemmix zmien li fih kellu jitnehha l-apparat, m'huwiex ta' importanza. Kien diga' ssemma terminu fl-ewwel ittra mibghuta mill-attur.
iv. M'hemmx kontestazzjoni li l-apparat tnehha wara li gie prezentata l-kawza.
v. Bil-kwantita' ta' ittri legali li kien qieghed jibghat l-attur, hu evidenti l-insistenza tieghu. F'temp ta' tmintax-il jum baghat tlett ittri.
vi. Mill-ahhar ittra (25 ta' April 2013) sakemm giet prezentata l-kawza (24 ta' Mejju 2013) kien hemm bizzejjed zmien sabiex l-apparat jitnehha. Biex jitnehha l-apparat mill-post fejn kien imwahhal ma kienx hemm xi htiega li jsir xoghol estensiv. Inoltre, mejqus l-insistenza

tal-attur il-konvenut facilment seta nfurmah bil-miktub meta kien ser jitnehha l-apparat. B'hekk kien ikollu prova dokumentata.

Meqjusa dawn ic-cirkostanzi l-qorti hi tal-fehma li l-ispejjez gudizzjarji ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddikjara li:-**

**1. Mhux ser tiddeciedi dwar il-meritu peress li dan hu ezawrit.**

**2. Spejjez a karigu tal-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------